minn Tonio Farrugia

## Kampjonat 1958-59

# Sliema Wanderers jiksbu rebħa kbira fuq il-Floriana

## Il-Ħdax-il Ġurnata

**28-03-1959:**
**Sliema Wdrs FC – Floriana FC 4-0**
**H.T 2-0**
**Skurjaw: S. Nicholl (S) 23', M. Walsh (S) 25' u 65' u R. Buttigieg (S) 84'**
**Referee: Carmel Frendo.**
**Att: 9,911**

*Sliema Wdrs FC*: Ray Cosby, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Alex Gollcher, Alfred Dayney, Salvu Bonnici, Ray Edwards, Henry Balghy, Robbie Buttigieg, Maurice Walsh, Sammy Nicholl, Ġulinu Muscat.

*Floriana FC*: Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Lolly Debattista, Pullu Mousu', Toni Buttigieg, Tony Dalli, Freddie Vella James, Żarenu Alamango, Godwin Camilleri, Billy Dalli, Twanny Sultana, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

1. Din kienet l-aħħar partita għall-player Alfred Dayney mal-Wanderers wara li aktar tard f'dik l-istess ġurnata huwa kien emigra lejn l-Awstralja abbord il-vapur M.V Sydney. Fi tmiem il-partita huwa ħa b'idejn il-players ta' Floriana u sellem lill-partitarji Furjaniżi li laqgħuh bl-applawsi. Wara huwa ntrefa' fuq l-ispallejn mill-players sħabu tal-Wanderers li ġrew bih sa quddiem is-Sliema Side.

2: Floriana kienu għal darb'oħra mingħajr Lolly Borg li kien għadu mweġġa' filwaqt li anke l-attakkant Tony Cauchi kien nieqes. Biex tkompli tiġihom ħażina waqt il-partita kienu weġġgħu Freddie Vella James fit-30 minuta u Lolly Debattista fit-58 minuta u għalkemm baqgħu fil-ground sal-aħħar huma dehru l-ħin kollu jzappu.

**29-03-1959:**
**Valletta FC – Hibernians 2-0**
**H.T 0-0**
**Skurjaw: M. Azzopardi (V) 55' u J. Urpani (V) 60'.**
**Referee: Joseph Borg.**
**Att: 5,628**

*Valletta FC*: Tommy Taylor, Walter Bone, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Jackie Grech, Joe Cilia, Johnnie Darmanin, Joe 'Il-Ginger' Zammit, Josie Urpani, Mario Azzopardi, Frankie Zammit, Alfred 'Il-Waniż' Borg.

*Hibernians FC:* Lino 'Iż-Żeman' Spiteri, Azzopardi, Joe Bugeja, Joe 'Puskas' Muscat, Louis Theobald, Freddie Vassallo, Joe Ebejer, Jimmy Mizzi, Joe Cini, Ċikku 'In-Nagħġa' Xuereb, Leli Sultana.

1. Il-partita li kellha tinlagħab is-Sibt ma saritx minħabba l-Ġimgħa l-Kbira u ntlagħab konfront wieħed f'Ħadd il-Għid.

2. Hibernians kellhom diversi players regolari neqsin meta ħarġu jilagħbu mingħajr Leli Attard, Sunny Anastasi, Fredu Church, Bugeja u Vella Borg.

2. Hibernians ħarġu jilagħbu b'10 players fit-tieni taqsima meta weġġagħlhom Twanny Sultana. Huwa rritorna fis-67 minuta iżda ftit li xejn deher fil-partita.

**04-04-1959:**
**Marsa FC - Ħamrun Sp. FC 2-1**
**H.T 1-0**
**Skurjaw: F. Abela (M) 11', F. Borg (Ħ) 60' u F. Abela (M) 83'.**
**Referee: Carmel Galea.**
**Att: 2,603**

*Marsa FC*: Ġużi Alamango, Harold Henwood, Martin Attard, Ernie Glynn, Franz Borg, Caruana, Spiteri, J. Azzopardi, Fredu 'Steak' Abela, Pawlu Attard, Victor Pace.

*Ħamrun Sp. FC*: Johnnie Chetcuti, George Cassar, Freddie Falzon, Frank Damato, George Jones, Armando Drago, George Briffa, Albert Calleja, Carmelo 'In-Nene' Grech, Freddie 'It-Tirjule' Borg, Twanny 'Il-Ginger' Cassar.

1. Kemm Marsa kif ukoll Ħamrun Spartans kellhom xi players regolari neqsin wara li dawn kienu jinsabu msiefra mat-timijiet tas-Servizzi meta r-Royal Air Force marru jilagħbu f'Ġibiltà filwaqt li l-Inġinieri marru jilagħbu fl-Afrika ta' Fuq. Fil-fatt l-Ispartans kellhom lil Johnnie Fondacaro u Pawlu Magro msiefra mal-RAF filwaqt li Nenu Fabri u Buttigieg ta' Marsa kienu msiefra mal-Inġiniera.

2. Players oħra regolari neqsin għall-Ispartans kienu Pawlu Buttigieg li kien jinsab sospiż, Effie Borg li kien marid, Louis Bonello li ma ttrenjax minħabba x-xogħol filwaqt li Freddie Sciberras kien jinsab Dortmund, fil-Ġermanja, jirrappreżenta lil Malta fil-Kampjonat Ewropew tat-Table Tennis. L-Ispartans taw id-debutt lil George Cassar li kienu akkwistaw mingħand Qormi FC meta kien għadu player tal-Minors tagħhom. George Cassar kien ġie sospiż mill-MFA wara li lagħab mal-MAFA iżda s-sospensjoni tiegħu kienet inħafret, fit-13 ta' Jannar, 1959, wara li kien għamel apoloġija lill-MFA.

3. Marsa wkoll kellhom il-problemi tagħhom fejn sa ftit sigħat qabel il-logħba kien għad ma rnexxielhomx jgħaqqdu 11-il player

4. Ħamrun spiċċaw il-partita b'għaxar players meta Freddie Borg weġġa' f'daħla ma player avversarju u kien hemm il-biżgħa li kiser sieqy.

5. Fi tmiem il-partita l-pulizija għamlet użu mill-Fire Engine sabiex twaqqaf l-inkwiet li nqala' bejn il-partitarji taż-żewġ naħat fil-Floriana Side.

**05-04-1959:**
**Birkirkara FC – Hibernians FC 2-0**
**H.T 1-0**
**Skurjaw: N. Chircop (B) 20' u F. Bonnici (B) 53'.**
**Referee: Carmel Frendo.**
**Att: 2,093**

*Birkirkara FC*: Lolly Rizzo, J. Chetcuti, Johnnie Gatt, Norman Bell, George Dalli, Neville Mallia, Frans 'Il-Lula' Bonnici, Emmanuel Tonna, Nenu Chircop, Emmanuel Theuma, Alfred Chircop.

*Hibernians FC*: Lino 'Iż-Żeman' Spiteri, Paul Nelson, Joe 'Puskas' Muscat, Maurice Vella Borg, Louis Theobald, Joe Cini, Joe Ebejer, Jimmy Mizzi, Charlie 'Il-Kinnie' Schembri, Leli Sultana, Frans 'In-Nagħġa' Xuereb.

1. Birkirkara lagħbu t-tieni taqsima b'għaxar players meta George Dalli kellu jħalli l-logħba fil-ħin tal-mistrieħ wara li ngħata l-aħbar li missieru kien marid serjament fl-Isptar San Luqa.

2. Birkirkara kienu qed jilagħbu mingħajr il-players regolari Toni Caruana u Ġużi Pisani minħabba li siefru mat-team tal-Inġinieri tas-Servizzi Ingliżi f'mawra qasira fl-Afrika ta' Fuq.

*Klassifika:* (Hibernians lagħbu partita iktar u Rabat FC lagħbu partita inqas) - Valletta FC 17-il pt.; Sliema Wdrs FC 16-il pt.; Ħamrun Sp. FC 13-il pt.; Floriana FC u Marsa FC 10 pti.; Hibernians FC u Birkirkara

FC 8 pti.; Rabat FC 6 pti.

*L-Aqwa Skorers:* T. Cassar (Ħamrun Sp. FC) 11 goals; M. Walsh (Sliema Wdrs FC) 8 goals; F. Abela (Marsa FC) 7 goals; A. Calleja (Ħamrun Sp. FC) u J. Urpani (Valletta FC) 6 goals; F. Vella James (Floriana FC), S. Nicholl (Sliema Wdrs FC) u P. Said (Rabat FC) 5 goals.

## It-Tnax-il Ġurnata

**11-04-1959: Rabat FC – Birkirkara FC 4-2 H.T 1-0**
**Skurjaw: C. Bennetti (R) 1', A. Azzopardi (R) 47', N. Chircop (B) 51', C. Bennetti (R) pen. 68' u 89' u N. Chircop (B) 91'.**
**Referee: John Hopkins.**
**Att: 2,788**

*Rabat FC*: Anthony Micallef, Johnnie Calleja, Charles Theuma, Frank Montebello, Mario Bonello, Anthony 'Il-Legdi' Azzopardi, Pawlu 'Il-Fulier' Said, George 'Ta' Ġulinu' Tonna, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, Charlie 'In-Najsu' Bennetti, Victor Aquilina.

*Birkirkara FC*: Lolly Rizzo, J. Chetcuti, Johnnie Gatt, Tony 'Euchar' Grech, Norman Bell, Neville Mallia, Frans 'Il-Lula' Bonnici, Emmanuel Theuma, Nenu Chircop, Emmanuel Tonna, Alfred Chircop.

1. Wara 11-il minuta Charlie Bennetti seta rdoppja l-iskor għal Rabat iżda falla penalty meta x-xutt tiegħu mar barra.

2. Norman Bell ta' Birkirkara tkeċċa fid-59 minuta wara li xejjer bis-sieq lil Pawlu Said wara li l-attakkant Rabti daħal kemmxejn goff fuq il-goalkeeper Lolly Rizzo.

3. Lejn tmiem il-partita bil-logħob fuq in-naħa l-oħra tal-ground, id-difensur ta' Birkirkara Johnnie Gatt, xejjer daqqa ta' ponn lil Pawlu Said li spiċċa mal-art. Gatt ma tkeċċiex minħabba li r-referee ma rax l-inċident.

4. Wara din il-partita il-goalkeeper Lolly Rizzo ħabbar li ma kellux hsieb li jkompli jilgħab il-football. Madankollu huwa kien irritorna għal-logħob seba' xhur wara meta, f'Novembru, 1959, lagħab għal Hibernians FC fir-rebħa ta' 3-0 fuq St. George's.

**12-04-1959:**
**Valletta FC – Ħamrun Sp. FC 9-2**
**H.T 4-0**
**Skurjaw: M. Azzopardi (V) 40 sekonda, J. Zammit (V) 19' u 29', M. Azzopardi (V) 36', F. Zammit (V) 47' u 60', B. Calleja (Ħ) 65', Alf. Borg (Ħ) 77', F. Zammit (V) 83' u 85' u M. Azzopardi (V) 89'.**
**Referee: John Hopkins.**
**Att: 8,523**

*Valletta FC*: Tommy Taylor, Walter Bone, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Jackie Grech, Joe 'Il-Parsottu' Cilia, Johnnie Darmanin, Joe 'Il-Ginger' Zammit, Josie Urpani, Mario Azzopardi, Frankie Zammit, Freddie 'Il-Waniż' Borg.

*Ħamrun Sp. FC*: Ġużi Scifo, Freddie Falzon, Freddie 'Ix-Xibby' Sciberras, Armando Drago, Carmelo 'In-Nene' Grech, George Jones, Pawlu Buttigieg, Albert Calleja, Austin Scicluna, Freddie 'It-Tirjule' Borg, Franġisku 'Il-Mutu' Formosa.

1. Ġużi Scifo kellu ritorn li jrid jinsa malajr bejn il-lasti ta' Ħamrun Spartans wara li kien ilu tmien snin l-Ingilterra. Huwa sofra żewġ goals li seta' evitahom fl-ewwel għoxrin minuta u weġġa' minuta wara t-tieni goal ta' Valletta meta ħareġ f'saqajn Frankie Zammit biex ħalla l-ground. Postu bejn il-lasti ħadu l-player Austin Scicluna. Scifo reġa' ħareġ jilgħab left-wing fil-bidu tat-tieni taqsima iżda meta wara minuta Valletta skorjaw il-ħames goal huwa reġa' telaq 'il barra.

2. Għall-Ħamrun irritornaw Pawlu Buttigieg li skonta sospensjoni ta' żewġ logħbiet u Freddie Sciberras li rritorna minn Dortmund, il-Ġermanja, fejn irrappreżenta lil Malta fil-Kampjonat Mondjali tat-Table Tennis. L-Ispartans però kellhom erba' players regolari nieqsa meta l-goalkeeper Johnnie Chetcuti tħalla barra wara t-telfa ma' Marsa, Twanny Cassar kien sospiż, Louis Bonello ma kienx qed jinżel għat-training fiilwaqt li Effie Borg kien għadu ma jiflaħx.

3. Ir-referee ta' din il-partita suppost li kien John Ellison iżda dan ġie mibdul ftit ħin qabel ma bdiet il-logħba wara li s-Segretarju ta' Valletta FC Manuel Calleja sab lill-President tal-MFA Dr. Maurice Decesare fil-ground u nfurmah li r-referee kien tkellem jumejn qabel il-logħba li kien ser jirreffja lill-Belt mal-Ħamrun biex kiser ir-regolament il-ġdid tal-MFA.

Is-Segretarju ta' Valletta informa lill-President tal-MFA li huwa kien lest jissostanzja din l-allegazzjoni b'xhieda ta' żewġ persuni li kienu diġà xehdu dan quddiem l-Ispettur tal-Pulizija Moran. Peress li s-Segretarju tal-MFA ma kienx preżenti fil-ground, Dr. Decesare ħa l-inkarigu li jibdel lir-referee anke jekk suppost dak kien xogħol is-Segretarju. Aktar tard kien tħabbar li ma ttiehdu l-ebda passi dixxiplinarji kontra r-referee minħabba li l-MFRA (l-Għaqda tar-Referees) qatt ma nformatu bir-regolament.

**18-04-1959:**
**Valletta FC – Rabat FC 4-1**
**H.T 1-1**
**Skurjaw: F. Zammit (V) 9', P. Said (R) 43', J. Urpani (V) 61', M. Azzopardi (V) 85' u A. Borg (V) 86'.**
**Referee: Lt. Mannon James Verdun**
**Att: 5,196**

*Valletta FC:* Tommy Taylor, Walter Bone, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Jackie Grech, Joe 'Il-Parsottu' Cilia, Johnnie Darmanin, Joe 'Il-Ginger' Zammit, Josie Urpani, Mario Azzopardi, Frankie Zammit, Alfred 'Il-Waniż' Borg.

*Rabat FC*: Charles Zerafa, Johnnie Calleja, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, Tony 'Il-Legdi' Azzopardi, Mario Bonello, Twanny 'Tal-Manager' Vassallo, George 'Ta' Ġulinu' Tonna, Charlie Theuma, Pawlu 'Il-Fulier' Said, Charlie 'In-Najsu' Bennetti, Victor Aquilina.

1. Fil-41 minuta, Nenu MacKay ta' Valletta laqat il-mimduda minn penalty.

2. Twanny Vassallo ta' Rabat irritorna fit-team wara li skonta partita sospensjoni.

3. Fi tmiem il-logħba il-captain ta' Rabat, Charlie Theuma, ġie merfugħ fuq l-ispallejn mill-players sħabu u mdawwar mal-ground hekk kif din kienet l-aħħar partita tiegħu fil-kampjonat Malti. Theuma, li kellu 26 sena, emigra lejn il-Kanada fit-23 ta' April, 1959.

**19-04-1959:**
**Ħamrun Sp. FC – Floriana FC 2-0**
**H.T 2-0**
**Skurjaw: F. Borg (Ħ) 34' u A. Scicluna (Ħ) 42'**
**Referee: Carmel Frendo.**
**Att: 3,871**

*Ħamrun Sp. FC*: Johnnie Chetcuti, Freddie Falzon, Freddie 'Ix-Xibby' Sciberras, Armando Drago, Carmelo 'In-Nene' Grech, George Jones, Pawlu Buttigieg, Albert Calleja, Austin Scicluna, Freddie 'It-Tirjule' Borg, Twanny 'Il-Ginger' Cassar.

*Floriana FC*: Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Lolly Debattista, Pullu Mousu', Godwin Camilleri, Charlie 'In-Nossa' Brincat, Eddie Bonnett, Żarenu Alamango, Twanny Sultana, Tony 'Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

1. Floriana niżlu għal-logħob mingħajr Billy Dalli li kien ġie sospiż erba' logħbiet.

1. Il-goalkeeper ta' Floriana Freddie Mizzi salva penalty fl-10 minuta mogħti minn Twanny Cassar wara hands ta' Pullu Mousu.

2. Eddie Bonnett ta' Floriana ħareġ imweġġa' fil-25 minuta u rritorna fil-partita wara l-mistrieħ.

3. Tony Cauchi ta' Floriana falla penalty 19-il minuta qabel tmiem il-partita meta x-xutt tiegħu mar barra.

4. Kwarta mit-tmiem tkeċċew Lolly Debattista ta' Floriana u Alfred Borg tal-Ispartans wara xena twila ta' argumenti u tixjir tal-idejn bejniethom li spiċċat bil-players jiġru wara xulxin u r-referee jiġri warajhom.

*Klassifika:* (Valletta FC u Ħamrun Spartans FC lagħbu partita iktar u Marsa FC u Sliema Wdrs. FC lagħbu partita inqas) - Valletta FC 21 pt.; Sliema Wdrs FC 16-il pt.; Ħamrun Sp. FC 15-il pt.; Floriana FC u Marsa FC 10 pti.; Hibernians FC, Rabat FC u Birkirkara FC 8 pti.

*L-Aqwa Skorers:* T. Cassar (Ħamrun Sp. FC) 11 goals; M. Walsh (Sliema Wdrs FC) u F. Zammit u M. Azzopardi (Valletta FC) 8 goals; A. Calleja (Ħamrun Sp. FC), F. Abela (Marsa FC) u J. Urpani (Valletta FC) 7 goals; P. Said (Rabat FC) 6 goals.